MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 1754/1997/1

**Il-Perit Arkitett u Inginjier Civili Joseph Sultana**

**v.**

**Ronald Gaerty**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
1. Dan hu appell minn decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Marzu 2002, li kienet tghid hekk,
"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-31 ta' Lulju 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut, flimkien ma' terzi, qabbad lill-atturi sabiex jippresta s-servizzi professjonali tieghu in konnessjoni ma' progett ta' zvilupp ta' kumpless turistiku ta' livell gholi propost fuq bicca art fid-Dwejra, Rabat, Malta proprjeta' ta' l-istess konvenut u ta' terzi; illi l-attur qeda dan l-inkarigu b'mod professjonali u bl-ahjar abilta' tieghu, ghas-sodisfazzjon tal-partijiet kollha kkoncernati, oltre li nkorra ukoll xi spejjes fl-adempiment ta' l-istess inkarigu; illi l-attur qeda dan l-inkarigu bl-intendiment illi l-onorarju dovut lilu kellu jithallas kwantu ghall-nofs mill-konvenut u n-nofs l-iehor mit-terzi nvoluti fl-istess progett; illi nonostante mitlub ihallas sehemu mill-onorarju dovut lill-attur ghas-servizzi professjonali rezi minnu, oltre li jirrifondi sehem minn dawk l-ispejjes inkosri mill-attur fl-adempiment ta' l-istess inakrigu, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi; talab li din il-Qorti:-

1. tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-onorarju dovut lill-attur ghas-servizzi professjonali rezi minnu in konnessjoni mal-progett hawn fuq deskritt, inkluzi l-ispejjes inkorsi mill-istess attur fl-adempiment ta' dan l-inkarigu;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nofs dik is-somma illi tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' April 1996 u bl-imghax legali b'effett mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-23 ta' Gunju 1998 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-azzjoni tentata mill-attur hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2149(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi l-attur gie ampjament kumpensat ghas-servizzi prestati minnu qabel ma dan beda jezegwixxi tali servizzi, u dan peress li meta s-socjeta' Gold Circle Developments Limited, li taghha hu direttur u azjonista l-attur, akkwistat minghand il-konvenut stess in-nofs indiviz ta'l-art li fuqha kellu jsir l-izvilupp permezz ta'l-att datat 9 ta' Lulju, 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino, il-prezz li bih inbieghet din il-proprjeta', u cioe` dak ta' LM45,000, kien ferm inqas mill-valur tal-proprjeta` trasferita u dan sabiex jaghmel tajjeb ghax-xoghol li kellu jezegwixxi l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-4 ta' Novembru 1998 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-3 ta' Mejju 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjoni tad-difensuri.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

F'dawn il-proceduri l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallsu bhala drittijiet professjonali tieghu dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti ghas-servizzi rezi in konnessjoni ma' progett ghall-kostruzzjoni ta' Hotel Five Star fid-Dwejra, r-Rabat. Il-konvenut in linea preliminari qed jeccepixxi li l-azzjoni attrici hija preskritta a termini ta' l-artikolu 2149(c) tal-Kap 16.

L-artikolu in kwistjoni jiddisponi li l-azzjonijiet ta' l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjoni jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjes li jkunu ghamlu jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-involviment ta' l-attur f'dan il-progett beda fl-24 ta' Settembru 1992 meta giet

pprezentata applikazzjoni, flimkien mal-konvenut, lill-Hotel & Catering Establishment Board sabiex jigi kunsidrat il-progett ghall-kostruzzjoni tal-hotel in kwistjoni. Wara din id-data jidher mix-xhieda ta' l-attur li saru diversi xogholijiet, inkontri mal-awtoritajiet, pjanti u disinji, izda minhabba l-entita tal-progett dan ix-xoghol gie terminat ghal habta ta' Dicembru 1994 meta gew ppresentati d-dokumenti kollha mehtiega mid-dipartimenti koncernati. Dan jirrizulta ukoll mix-xhieda tal-Perit Cristopher Cachia, li kien gie inkarigat mill-attur bhala assistent fil-preparazzjoni tal-pjanti u disinji mehtiega.

Illi fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2001 gie verbalizzat mill-konvenut li l-ittra ufficjali tat-2 ta' April 1996 imsemmija fic-citazzjoni li, skond l-attur, kienet intbghatet in konnessjoni ma' dawn id-drittijiet professjonali, giet notifikata lilu. Waqt it-trattazzjoni d-difensur ta' l-attur irrileva, u f'dan mhux kontestat mill-kontro parti, li n-notifika ta' l-istess ittra ufficjali sehhet fl-4 ta' April 1996. Ghalhekk jidher li mhux aktar tard minn cirka sena u nofs mid-data meta setghu kienu dovuti dawn id-drittijiet, u cioe` fl-4 ta' April 1996, kien hemm interpellazzjoni gudizzjarja li interrompiet d-dekorriment tal-perjodu preskrittiv.

Dawn il-proceduri gew presentati fil-31 ta' Lulju 1997 u notifikati lill-konvenut fil-5 ta' Gunju 1998. Ghalhekk proprjament mid-data tan-notifika ta' l-interpellazzjoni ufficjali fuq imsemmija sad-data meta giet notifikata c-citazzjoni de quo, ghaddew aktar mis-sentejn. L-artikolu 2128 tal-Kap 16 jipprovdi li "*Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att gudizzjarju prezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bihsiebhom izommu l-jedd taghhom.*" Izda s-subinciz (1) ta' l-artikolu 2130 jipprovdi li "*Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika ta' l-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni.*" Fil-kaz in ezami x-xahar ghalaq fl-4 ta' Mejju 1998 minghajr ma ittiehdu ebda proceduri imsemmija fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 2130. Ghalhekk jidher li l-eccezzjoni sollevata hija

sodisfatta u l-azzjoni attrici milquta bil-preskrizzjoni estintiva.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, tiddikjara li l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors tal-perjodu preskrittiv.

Bl-ispejjes kontra l-attur.”

**<u>L-APPELL TA’ L-ATTUR</u>**

2.1 L-attur hass ruhu aggravat b’din is-sentenza u interpona appell minnha fuq l-aggravju li d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti giet “ibbazata unikament fuq interpretazzjoni zbaljata tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi li jirregolaw il-preskrizzjoni u l-kuncett ta’ interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv”.

2.2 L-attur appellant jissottometti li
“Skond il-ligi (Artikolu 2107(2) tal-Kodici Civili), il-preskrizzjoni estintiva hija “mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur <u>ma jkunx ezercita l-jedd tieghu</u> ghal zmien illi tghid il-ligi” (Sottolinear ta’ l-appellant).

L-appellant jissottometti allura illi
“Ezercitat ghalhekk id-dritt ta’ l-azzjoni, kull konsiderazzjoni ta’ preskrizzjoni tizvanixxi.”

2.3 Fil-kaz ta’ att gudizzjarju interruttiv invece, jissottometti l-appellant, il-legislatur jikkontempla att illi minnu “jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom <u>izommu l-jedd taghhom</u>” (ara Artikolu 2127 et sequitur tal-Kap. 16). Tali “att rinnovattiv jew prezervattiv (sic) tad-dritt ta’ l-azzjoni, u mhux l-ezercizzju proprju ta’ l-azzjoni soggett ghall- preskrizzjoni”.

L-appellant jaghmel accenn ghal numru ta’ decizjonijiet moghtija minn dawn il-Qrati biex isahhah l-aggravju tieghu.

2.4 Bhala fatt, l-appellant inoltre jsostni li l-inkarigu professjonali tieghu gie terminat fit-22 ta’ Marzu 1995, u huwa spedixxa ittra ufficjali fit-2 ta’ April 1996 lill-konvenut liema ittra giet innotifikata jumejn wara. In segwitu huwa ipprezenta c-citazzjoni in ezami fil-31 ta’ Lulju 1997 – kollox ghalhekk sar entro zmien sentejn kif jiddisponi l-Artikolu 2149(c) tal-Kap. 16.

Ghalhekk, sostna l-attur appellant, hemm lok tar-revoka tas-sentenza appellata li irriteniet li l-azzjoni tieghu kienet giet preskritta.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT APPELLAT**

3.1 Il-konvenut wiegeb li s-sentenza appellata jisthoqqilha konferma billi mill-fatti jirrizulta bic-car li l-azzjoni attrici kienet preskritta in forza ta’ l-Artikolu 2149(c) tal-Kap. 16, bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 2128 u 2130 ta’ l-istess Kap. 16.

3.2 Il-konvenut pero` imur oltre minn hekk, billi skond hu l-azzjoni attrici f’kull kaz gia` kienet waqghet preskritta antecedentement. Dan billi mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti jemergi li l-inkarigu peritali mill-attur kien spicca appena gew sottomessi l-pjanti lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar fi Frar tas-sena 1993. Bejn din id-data u dik tal-4 ta’ April 1996, jigifieri meta giet innotifikata l-ittra ufficjali ta’ l-attur lill-konvenut, gia` kien inqabez il-perijodu preskrittiv ta’ sentejn. Dan ifisser li, ghal din ir-raguni wkoll, l-azzjoni attrici kellha tigi iddikjarata bhala wahda preskritta.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

4. Huwa pacifiku bejn il-kontendenti li l-perijodu preskrittiv rigwardanti t-talba attrici ghal hlas ta’ drittijiet professjonali huwa dak ta’ sentejn, sewwa sew kif hemm imnizzel fl-Artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. L-aggravju ewlieni ta' l-attur gej mid-distinzjoni li huwa jaghmel bejn att gudizzjarju (f'dan il-kaz l-ittra ufficjali spedita lill-konvenut fit-2 ta' April 1996) li jintbaghat bl-iskop li tinkiser il-preskrizzjoni u bejn att gudizzjarju iehor (att ta' citazzjoni) li jkun sar kontra d-debitur bhala "l-ezercizzju proprju ta' l-azzjoni soggett (sic) ghall-preskrizzjoni".

6. Skond l-appellant, it-termini msemmijin fil-ligi ma jibqghux jghoddu mal-prezentata ta' l-att tac-citazzjoni. Ghalhekk huwa jsostni li,
"….ezercitat ghalhekk id-dritt ta' l-azzjoni, kull konsiderazzjoni ta' preskrizzjoni tizvanixxi"

U b'dan ghalhekk li,

"Dawn it-termini izda ma japplikawx ghal dak il-kreditur illi jkun effettivament ezercita d-dritt ta' l-azzjoni tieghu u li jkun b'dan il-mod elimina definittivament kull kwistjoni ta' preskrizzjoni, <u>indipendentement min-notifika o meno ta' l-att minnu ipprezentat</u>". (Sottolinear tal-Qorti)

7. Bhala stat ta' fatt huwa pacifiku li l-attur baghat ittra ufficjali lill-kontroparti, liema att gie innotifikat fl-4 ta' April, 1996. In segwitu, l-attur ipprezenta att ta' citazzjoni fil-31 ta' Lulju, 1997, jigifieri entro l-perijodu ta' sentejn, liema citazzjoni pero` giet innotifikata lill-konvenut fil-5 ta' Gunju 1998, cioe` aktar minn sentejn minn meta giet innotifikata l-ittra ufficjali.

8. Il-pern tal-kwistjoni fil-fatt hu hekk hemmx tassew differenza, ghal fini ta' effetti legali, bejn ittra ufficjali mibghuta specifikament biex tinterpella lid-debitur u fl-istess waqt tinterrompi l-preskrizzjoni u att ta' citazzjoni maghmula proprju in ezercizzju ta' dik l-interpellazzjoni. Dan il-punt gie ormaj definit b'numru ta' decizjonijiet konkordi ghal xulxin, liema decizjonijiet jaqblu ma' dak li gie sottomess mill-appellant, u kwindi bil-maqlub ta' dak li gie deciz fis-sentenza appellata.

9. Hekk, fost ohrajn, fid-decizjoni moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, datata t-3 ta' Marzu

1995, fil-kawza fl-ismijiet: "Dr E. Woods LL.D noe –vs- D. Jones et noe", gie ritenut hekk, in propozitu,
"….l-Artikolu 2130 (tal-Kap. 16) ma hux applikabbli ghall-att tac-citazzjoni billi dan l-att jikkostitwixxi 'talba gudizzjarja' ai termini ta' l-Artikoli 2131 u 2132 tal-Kodici Civili. Il-preskrizzjoni in kwistjoni giet interrotta appena saret it-talba gudizzjali ta' l-attur nomine bil-prezentata tac-citazzjoni odjerna. L-Artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra ufficjali jew xi att gudizzjarju iehor skond l-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili li bih il-kreditur juri li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni fil-konfront tad-debitur;

Fil-kaz odjern, l-attur nomine mhux qieghed javza lill-allegat debitur tieghu li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni kif jghid l-Art. 2128, izda invece l-attur nomine qieghed effettivament jezercita dak id-dritt ta' azzjoni bic-citazzjoni li ipprezenta entro t-terminu….."

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif ippresjeduta izda diversament komposta, fil-kawza Briffa vs. Debono deciza fis-7 ta' Lulju 1992, fejn saret distinzjoni bejn l-att rinnovattiv ta' l-azzjoni (bhal ma hija l-ittra ufficjali jew il-protest) u l-att ezekuttiv taghha (bhal ma hija c-citazzjoni);

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Gunju 1994, fil-kawza fl-ismijiet Alfred Gatt noe vs- David Jones et noe fejn l-istess eccezzjoni li tressqet f'din il-kawza giet respinta ghall-istess raguni."

10. Din il-Qorti tikkondividi pjenament dan l-insenjament u ghalhekk qeghda tilqa' l-appell ta' l-attur taht dan l-aspett peress li hija tal-fehma li l-aggravju tieghu huwa legalment fondat.

11. Ghandu jinghad pero` li l-parti appellata, forsi konsapevoli tal-possibilita` ta' akkoljiment ta' l-aggravju ta' l-appellant (kif fil-fatt gara), adduciet argument addizzjonali in proprja difesa billi sostniet li f'kull kaz fil-perijodu bejn meta l-allegat inkarigu gie esegwit u n-

notifika ta' l-ittra ufficjali, diga` kienet giet preskritta l-azzjoni intentata mill-attur. Fi kliem iehor, il-konvenut appellat qieghed isostni li meta hu gie servut bl-ittra ufficjali fl-4 ta' April 1996, kienu diga` ghaddew aktar minn sentejn minn meta l-attur esegwixxa l-inkarigu tieghu, jigifieri fix-xahar ta' Frar, 1993.

12. Qabel xejn din il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenut hass il-bzonn li jadduci argument iehor addizzjonali biex isahhah l-eccezzjoni tieghu dwar il-preskrizzjoni tas-sentejn, <u>ebda appell incidentali ma gie interpost min-naha konvenuta</u>. Dan qieghed jinghad ukoll ghar-raguni li jirrizulta li qabel ma waslet ghad-decizjoni taghha, l-ewwel Qorti esprimiet il-fehma mhux biss li l-attur tassew assuma inkarigu professjonali <u>qua</u> arkitett biex jiddisenja, jippjanta u jibghat l-applikazzjonijiet rijesti lill-awtoritajiet koncernati ghal fini ta' approvazzjoni u hrug ta' permessi ta' bini relativi ghal progett ta' lukanda izda l-istess Qorti iddeliberat ukoll dwar id-dati li fihom dan ix-xoghol kien qieghed isir.

13. Fil-fatt l-ewwel Qorti <u>inter alia</u> irriteniet hekk<u>,</u>
"Mill-atti processwali jirrizulta <u>li l-involviment ta' l-attur f'dan il-progett</u> beda fl-24 ta' Settembru 1992, meta giet ipprezentata applikazzjoni, flimkien mal-konvenut, lil Hotel & Catering Establishment Board sabiex jigi kunsidrat il-progett ghall-kostruzzjoni tal-hotel in kwistjoni. <u>Wara din id-data jidher mix-xiehda ta' l-attur li saru diversi xogholijiet, inkontri ma' l-awtoritajiet, pjanti u disinji, izda minhabba l-entita` tal-progett dan ix-xoghol gie terminat ghal habta ta' Dicembru 1994, meta gew ipprezentati d-dokumenti kollha mehtiega mid-dipartimenti koncernati</u>…." (Sottolinear ta' din il-Qorti).

14. Fit-twegiba tieghu, l-appellat sostna invece li l-inkarigu kien kompletat fi Frar 1993, jigifieri ftit zmien wara li gew sottomessi l-applikazzjonijiet lill-awtoritajiet. Hu jirreferi ghax-xiehda moghtija mill-attur fit-22 ta' Novembru 1999, u jghid ukoll li x-xiehda moghtija mill-Arkitett Christopher Cachia m'hijiex wahda attendibbli – l-istess xiehda jigifieri li fuqha strahet ukoll l-ewwel Qorti.

15. Din il-Qorti, ghalkemm dan il-punt ma jiccentrax fl-aggravji ta' l-appellant, jidhrilha li darba li jissemma' fil-korp tas-sentenza appellata u tqanqal (anke jekk mhux per via ta' appell incidentali da parti ta' l-appellat) ma jistax jigi injorat. Ghalhekk, u a skans ta' aktar prolungar procedurali, din il-Qorti sejra tiddelibera ukoll dwaru in vista wkoll tal-fatt li l-ewwel Qorti gia` investietu.

16. Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda kollha relativa mill-gdid u m'hijiex tal-fehma li dak li gie sottomess mill-appellat f'dan ir-rigward huwa korrett. Darba li gie stabbilit li l-attur tassew involva ruhu professjonalment fil-progett – fatt dan li anke dwaru l-konvenut wera certa titubanza – jirrizulta aktar minn evidenti li l-inkarigu tieghu seta' jitqies fic-cert bhala li gie itterminat hekk kif l-awtoritajiet koncernati gharrfu lill-partijiet li l-applikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ma setghetx tigi konsidrata aktar. Din l-ittra hija datata t-22 ta' Marzu, 1995. Skond l-ewwel qorti x-xoghol kollu maghmul mill-attur seta' jitqies li waqaf f'data anterjuri, u cioe`, "ghal habta ta' Dicembru 1994" meta gew ipprezentati d-dokumenti kollha mehtiega." <u>F'ebda stadju ma irrizulta li l-konvenut ittermina espressament l-inkarigu assunt mill-attur fil-progett in kwistjoni</u>. Il-verita` hi li f'certu stadju r-relazzjonijiet ta' bejn l-attur u l-konvenut, kemm fuq bazi ta' negozju kif ukoll personali, hadu zvolta ghall-hazin u l-kuntatt ta' bejniethom naqas bil-konsegwenza li dan halla effett hazin ukoll fuq il-progett gia` mibdi – imma li kien ghadu xorta wahda pendenti – bejniethom. Il-partijiet spiccaw finalment jiqqortjaw bejniethom bi pretensjonijiet kontra xulxin izda b'daqstant ma jistax jippretendi l-konvenut li appena gew sottomessi l-pjanti relativi lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar fi Frar 1993, dan kien jekwivali ghat-terminazzjoni totali ta' l-inkarigu. L-applikazzjoni mhux biss baqghet <u>pendenti</u> imma kien ghad hemm xi xogholijiet ancillari xi jsiru. Bil-fatt li z-zelu inizjali ta' parti u ohra f'din l-intrapriza bired ma kienx ukoll ifisser li l-inkarigu ntemm f'daqqa wahda. <u>Jigi enfasizzat hawn li din il-Qorti bl-ebda mod m'hija qeghda tesprimi ruhha dwar il-meritu proprju tal-vertenza, jigifieri jekk il-hlasijiet professjonali reklamati mill-appellant humiex realment dovuti jew jekk huwiex tassew l-ammont kollu li huwa dovut.</u> Din il-Qorti semplicement qeghda

tiddeciedi li l-azzjoni attrici ma kienitx preskritta, bil-maqlub ta' dak li qalet l-ewwel Qorti, u konsegwentement hemm lok ghar-revoka tas-sentenza appellata bl-akkoljiment ta' l-appell interpost mill-attur.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, ghar-ragunijiet premessi, tilqa' l-appell ta' l-attur u tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat, u tordna li l-atti jigu rimessi quddiem l-ewwel Qorti biex tkompli bis-smigh tal-kawza fil-meritu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------